**KUNSILL LOKALI IR-RABAT (KLR)**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**MINUTI TAL-ĦAMES' LAQGĦA (05)**

**l-Erbgħa, 11 ta' Settembru 2019 fis-6.00 pm** — Data u ħin

**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

Attendenza

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| Uffiċjali: | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| Skużat: | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku u bdiet fis-6.30pm b'talba qasira, mingħajr is-Sur Ian Vassallo li daħal aktar tard.

05.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji u t-talba** — Qari tal-ittri ta' apoloġija u talba tal-bidu

Is-SE ra e-mail waqt il-laqgħa fejn fiha is-Sur Kris Grech talab li jkun skużat. Il-KLR skużah..

05.02 **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** — Minuti u punti mill-minuti

Il-minuti tas-seduta numru 4 kienu mressqa għal vot mill-Viċi Sindku u ssekondahom is-Sur Chris Farrugia. Dawn kienu approvati b'mod unanimu b'korrezzjoni żgħira li semmiet is-Sra Doris Coleiro fejn hija talbet li tkun imsemmija b'isimha rigward il-proposta ta' tpoġġija ta' mera f'Landrijiet.

Deputat Segretarju Ezekuttiv

Is-SE qal illi avviċina lis-Sra Roberta Galea u lis-SE tal-Kunsill tal-Imtarfa u dawn ma xtaqux li jservu ta' Deputat Segretarju tar-Rabat, madakollu is-Sur Shaun Tanti SE tal-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli lest li jservi. Il-Kunsill approvaħ b'vot unanimu.

05.03 **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 296 u *Works Order* 15.**

Ċedola tal-pagamenti u l-Ordnijiet tax-xogħol

Kienu approvati ċ-ċedola tal-pagamenti 296 u l-lista tax-Xogħlijiet u Xiri ta' Servizzi nru 15

05.04 u 05.10 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri u Punti Oħra**

Mistoqsijiet tal-kunsillieri

Boutique Hotel

Is-Sindku semma' l-każ tal-proposta *Boutique Hotel* fuq is-Saqqajja li tmiss ma Vjal Santu Wistin. Hu qal illi l-KLR ma' jistax jifhem kif is-Sovratendenza għal Patrimonja Kulturali ma sabitx oġġezzjoni għall-proposta ta' bini ta' sulari addizzjonali fuq dan il-bini li tant għandu valur storiku u arkitettoniku.

Tenders

It-*Tender* tad-dwal tat-toroq tal-Milied issa kien ippubblikat u qed naħdmu fuq dawk tat-tindif tat-toroq, it-tbattil tal-*litter bins*, il-ġbir tal-iskart u tas-*soft areas*.

Rudolph Grima talab lill-kunsillieri jiskużawh u telaq fis-19.00pm.

Staff għall-uffiċċju

Dwar l-istaff għall-uffiċċju ħarġet is-sejħa internament u kienet iċċirkulata mal-Kunsilli Lokali kollha filwaqt illi issa jmiss illi jgħaddulna l-lista mill-*Jobsplus* ħalli noħorġuha barra. Kien hemm qbil fuq l-ingaġġ immedjat ta' skrivat Skala XVI ħalli jassisti għad-domanda qawwija li talbiet li qed ikollna.

Xogħlijiet ta' bankina

Is-Sindku informa lill-kunsillieri illi bħal issa qed isir xogħol t'urġenza fuq il-bankina quddiem l-Iskola Primarja A għax waqgħet persuna u kien hemm diversi talbiet mill-għalliema tal-istess skola. Hawn Chris Farrugia qal illi hemm żewġ *litter bins* fl-inħawi li jistgħu jiġu spostjati xi mkien ieħor biex ma jimpedixxux il-*pedestrians* li jgħaddu minn fuq il-bankini.

Ċentru Ċiviku

Is-Sindku semma' ċ-Ċentru Ċiviku fejn qal illi sparixxa l-meter tal-elettriku li l-KLR bih kien iħaddem il-funtana (ballun) u l-lift. Hu qal illi konna tlabna biex nieħdu d-devoluzzjoni tal-parti komuni taċ-Ċentru Ċiviku. Id-DLG aċċettawha u issa jonqos l-Awtorita' tal-Artijiet. Se nkunu qed indaħħlu l-meter tat-*3-phase*, għaliex il-KLR lest li jħallas għall-manutenzjoni bħaż-żebgha tal-komun u jkun installat mill-Gvern il-lift. Il-Viċi Sindku qal illi dan irid ikun għal 6 persuni.

Devoluzzjoni ta'

Għat-talba tad-devoluzzjoni tal-4 garaxxijiet fil-HE t'Għajn Qajjet se jitħejja 5-*year plan* mill-Accountant biex ngħadduh lid-DLG. F'dan is-sit jinħtieġ illi jkunu

attirati kemm il-*Girl Guides* kif ukoll id-dilettanti tat-tlieleq tal-ħamiem u l-għalliema tal-bini tal-presepji u jinfetaħ Ċentru tal-Komunità u Day Centre bl-amenitajiet kollha.

garaxxijiet

Is-Sindku qal illi se ndaħħlu applikazzjoni tad-*Development Fund* biex il-KLR ikun jista' jirkupra fondi fuq l-istallar ta' dwal ġodda fuq is-Saqqajja, Misraħ il-Parroċċa u viċin il-parkeġġ ta' fejn id-*Domus Rumana.* Dwar is-Saqqajja, il-KLR qed jikkunsidra illi b'dawn il-fondi jiċċanġa dan il-pavimentar. Intqal illi hemm bżonn infasslu programm ta' ħasil ta' toroq speċjalment f'dan is-sit flimkien mal-ħasil tal-għamara tat-toroq.

Development Fund

Għall-attivita' tal-Clean Up The World li ser tkun organizzata fil-15 ta' Settembru fl-Imtaħleb, il-Viċi Sindku qal illi ser jattendu 20 scouts u 20 tar-Rabat Ajax *Futbol Nursery.*

Clean Up The World

Is-Sur Ian Vassallo daħal għal-laqgħa fis-7.25pm

Is-Sur Ian Vassallo talab sabiex tittella' bandiera propju sabiex tfakkar il-*Pride Week* fuq is-Saqqajja. Din se tkun ikkommemorata matul tmiem-il ġimgħa li ġej. Hu qal li l-KLR kien mistieden jipparteċipa u inizjattivi li ttieħdu kienu anke billi jinżebgħu bankijiet bil-kuluri vivaċi li huma sinonimi mal-Pride Week.

Pride Week

Ian Vassallo qara l-ismijiet ta' 13-il stabbiliment fir-Rabat li se jsirulhom l-*Energy Audits* kif kien propost mis-Sur Emanuel Sapiano kif ukoll talab illi għall-attivitajiet tal-Milied li se jkun qed jorganizza l-KLR ikunu nvoluti l-gruppi Rabtin. Hawn il-kunsillieri qablu illi jkun iffurmat kumitat biex tittella' attivita' filantropika u ssemmiet l-ikla li tkun organizzata miċ-Ċentru San Luqa fin-Nigret għal nies li ma jaffodjawx ikla fil-Milied. Għaldaqstant se ssir laqgħa biex għan-naħa tal-Parroċċa tkun mistiedna is-Sra Marthese Borda ħalli possibilment isiru żjarat għall-anzjani u jew assistenza għal tfal deskritti bħala *b'challenge behaviour.* Dan il-grupp tal-aħħar hu wieħed stabbilit u qed jiltaqa' fejn Triq Zondadari.

Energy Audits

Kumitat ta' Attivitajiet fi żmien il-Milied.

Is-Sindku qal illi l-KLR irid jagħmel kollox flimkien biex isib is-support ta' kulħadd u hawn skuża ruħu talli f'Jum ir-Rabat ma semmiex lis-Sur Nazju Cassar b'ismu mal-kunsillieri l-oħra.

Is-Sur Ian Vassallo talab biex fi Triq Santa Rita tiċċekken il-bankina viċin l-istabbiliment Meraki, għaliex qal li din hija wiesgħa ż-żejjed. Hawn intqal illi din aktarx hija privata u f'każ li se jinbidel l-*alignment* tat-triq irridu napplikaw mal-Awtorita' tal-Ippjanar *b'Development Notice Order* biex tiċċekken. Għaldaqstant se nivverifikaw mal-Awtorita' tal-Artijiet jekk hux privata jew le.

Bankina fi Triq Santa Rita

Dr Karl Muscat fakkar fil-Fiera tal-Kotba li se tkun organizzata mill-KLR nhar it-13, 14 u l-15 ta' Settembru fejn l-Agenda Book Shops se jkunu qed joffru kotba bi rħis. Hu qal illi se jkun ikkunsidrat illi fil-futur il-fiera tkun organizzata wkoll minn *Wise Owl* filwaqt li Christopher Farrugia fakkar illi mir-Rabat għandna wkoll lil *Meli* li għandu wkoll ħanut il-Belt Valletta. Fiera tal-Kotba

Qtugħ tal-ħaxix

Il-Viċi Sindku semma' l-ilment li kellu mill-pubbliku fejn il-*handyman* tajjar il-ħaxix għal fuq il-vetturi fi Triq Santa Rita meta kien qed jaħdem bil-*grass cutter*. Is-Sur Nazju Cassar qal illi aktar 'il quddiem irridu nagħmlu programm tajjeb speċjalment fejn jidħol il-qtugħ tal-ħaxix fiz-zona rurali.

Is-Sindku semma' wkoll il-permess li nħareġ dan l-aħħar biex tinqala' s-siġra minn Triq il-Buskett għaliex tagħwġet għal fuq sqaq pubbliku u għalhekk hija ta' periklu u t-taħwil ta' għaxra oħra tal-prinjol bħala kumpens għaliha. Aktar siġar fil-Buskett

Christopher Farrugia irrefera għal-*bus stops* li hemm fi Triq Gorg Borg Olivier fejn it-tabelli tagħhom għadhom mikxufa bil-konsegwenza illi diversi viżitaturi qed jistennew għal xejn għaliex din it-triq hija temporanjament magħluqa għat-trasport pubbliku sakemm *Infrastruttura Malta* tlesti r-rikostruzzjoni tagħha. Bust Stops fi Triq GBO

05.05 **Korrispondenza** Korrispondenza

Is-Sindku semma' l-*e-mail* ta' Dr Ferriggi fejn esprima ruħu billi xtaq jirregala lura l-premju tifkira Ġieħ ir-Rabat, għal dawk li ħadmu għar-Rabat u ma ngħatawx ġieħ. Is-Sindku qal li se niktbulu lura ittra formali fejn se jkun infurmat illi l-KLR laqa' l-proposta tiegħu ħalli l-*lapel badge* titwaħħal / titpoġġa fejn jixtieq hu.

05.06 **Pjanti tal-Bini tal-Kunsill** Bini tal-Kunsill

Għall-mistoqsija ta' Dr Karl Muscat dwar jekk hux se nżommu l-binja muniċipali is-SE esebixxa l-pjanti proposti għas-sit 8, Triq l-Isptar, ir-Rabat fuq il-mejda tal-kamra filwaqt li s-Sindku spjega illi din il-binja għandha valur storiku. Hu qal illi isfel qed nipproponu li fejn hemm il-*back office* jigi r-*reception* u fejn hemm ir-*reception* illum jigi *waiting area*, filwaqt li fejn hemm il-*computer room* tigi kamra tal-laqgħat tal-kunsillieri. Se nkunu qed nagħmlu mezz illi nnaqqsu n-nies li jkunu deħlin fil-binja minħabba l-korsijiet li jkunu organizzati. Fit-tieni sular se jkun hemm l-uffiċini tas-SE (fejn qed issir din il-laqgħa) u dak tas-Sindku (fejn jinsab preżentement) filwaqt li se jinbena fuq it-*toilets* t'isfel. Il-pjanijiet huma illi fis-sular ta' fuq nett issir il-kamra tal-laqgħat tal-Kunsill. Sadanittant rajna post għall-kiri fi Triq Inguanez u ma kienx jgħodd għalina u ieħor fl-istess triq kantuniera ma Triq Santa Roża li qed jitlob tiegħu €1600 fix-xahar bħala post temporanju sakemm noħorġu minn fejn qiegħdin biex ikun jista' jibda' x-xogħol.

05.07 **Pavimentar tas-Saqqajja**

Pavimentar tas-Saqqajja

Dwar il-*bus shelter* tas-Saqqajja, is-Sindku qal illi ma konniex nafu eżattament jekk dan kienx tal-kumpanijia *Faces* jew *Trasport Malta* u aħna mingħalina illi l-proċess kien miexi. Intant kellna laqgħa fuq il-post mal-Perita Susanna Bonello u uffiċjal ieħor TM u intalbet l-assistenza tal-Perit tal-KLR għal darb'oħra. Dan wara li konna pprovduti bi proposta antika illi jispostja ruħu aktar lejn Triq ta' Saura li kienu skartati. Dawn it-tħejjijiet qed isiru biex finalment inkunu qed naħdmu fuq il-pavimentar tas-Saqqajja.

05.08 **Parkeġġ ta' fejn id-Domus Romana**

Parkeġġ fejn id-Domus Romana

B'riferenza għad-*Domus Romana*, il-KLR iddeċieda illi jikteb lill-Kummissjoni Elettorali biex din tidħol fit-territorju tar-Rabat filwaqt illi l-KLR se juri l-opporżizzjoni tiegħu għall-parkeġġ bl-addoċċ li qed ikun mis-sidien tal-*coaches* li suppost qed jistennew lill-passiġġieri fi Triq l-Infetti.

05.09 **Appuntar ta' membri fuq il-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti Pubbliċi**

Nomina ta' persuni fuq il-board tal-evalwazzjoni tal-offerti

Il-KLR innomina lil dawn il-persuni biex iservu fuq il-bord tal-Evalwazzjoni tal-offerti pubbliċi:

Dr Richard Sladden li kien l-avukat tal-KLR, lil Perit Roderick Bonnici li joqgħod fi Triq San Luqa, lil Perit Richard Bonnici jaħdem il-BRO, lil Perit Mannie Galea u lis-Sur Andrew Spiteri li jaħdem fuq ir-restawr.

05.11 **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**

Tmiem il-laqgħa u data ta' laqgħa oħra

Din il-laqgħa ntemmet fit-20:30 u dik li jmiss se ssir nhar il-2 ta' Ottubru fis-6.00pm.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 2.8.19 minn Alexander k/a Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku